V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9742 — Sinopec Group/Joint Stock Company Novatek/Gazprombank/SINOVA Natural Gas Company)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 88/05)

1. Fl-4 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sinopec Gas Company Limited (China) ("Sinopec Gas"), li tappartjeni għaċ-China Petrochemical Corporation ("Sinopec Group"),

— Novatek Asia Development Holding PTE. LTD (Singapor) ("Novatek Asia"), ikkontrollata mill-Joint Stock Company Novatek ("Novatek"),

— Joint Stock Company Gazprombank-Asset Management Combined Closed-End Mutual Fund "GAZPROMBANK – ARCTURUS" (ir-Russja) ("Gazprombank Asset Management"), ikkonrollata mill-Joint Stock Company Gazprombank ("Gazprombank"),

— SINOVA Natural Gas Company Limited (iċ-Ċina) (il-joint venture, "JV").

Sinopec Gas, Novatek Asia u Gazprombank Asset Management jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sinopec Gas hija prinċipalment attiva fil-kostruzzjon u t-tħaddim ta' proġetti tal-gass naturali likwifikat (liquefied natural gas, "LNG") u proġetti tal-gass naturali u l-bejgħ tal-LNG u tal-gass naturali. Sinopec Group hija attiva fl-industrija taż-żejt u l-gass,

— Novatek Asia hija prinċipalent attiva fiż-żamma ta' ekwità fi proġetti joint venture ta' Novatek u f'investimenti fin-negozju tal-gass u l-enerġija u / jew proġetti tal-infrastruttura fl-Asja. Novatek hija attiva fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-gass naturali u tal-idrokarboni likwidi fir-Russja u barra r-Russja,

— Gazprombank Asset Management hija prinċipalment attiva fil-ġestjoni tal-assi għal investituri istituzzjonali. Gazprombank tipprovdi firxa wiesgħa ta' servizzi bankarji u finanzjarji, partikularment f'setturi bħal dawk tal-gass naturali, iż-żejt, il-petrokimiċi u l-enerġija,

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

— Il-JV beħsiebha tkun attiva fl-importazzjoni u l-esportazzjoni kif ukoll fix-xiri u l-bejgħ, ta' gass naturali (inklużi gass u LNG bil-pipeline) u investiment fi proġetti marbuta mal-gass naturali fiċ-Ċina.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9742 — Sinopec Group/Joint Stock Company Novatek/Gazprombank/SINOVA Natural Gas Company

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussell
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.